Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2009

Numru 618/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**VS**
**JOHAN CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Johan Cassar ta' 19-il sena, iben Anthony u Maria nee' Schembri, imwieled 8 ta' Lulju 1989, Pieta', residenti 40, Triq Nelson, Bormla u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 309989(M)

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-27 ta' Gunju 2009 ghal habta tal-hdax u ghaxra ta' filghaxija (11:10p.m.) fi Triq San Gorg San Giljan:-

1) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC 1231 Roderick Agius, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li

kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;
2) Ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 1231 Roderick Agius persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;
3) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 1231 Roderick Agius, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, jew bil-hsieb li jbezzaw jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
4) Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied;
5) Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuna inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b’xi mod iehor;
6) Qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;
7) Pejjep sigarett jew tabakk f’post pubbliku jew f’post espost ghal pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni ta’ l-imputat wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti ssib lill-imputat, Johan Cassar, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 95, 96, 221, 338(bb), 342 ta' l-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 3 ta' l-Avviz Legali 414 tat-2004 tal-Kap.315 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' giovanili ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fatt illi l-imputat jidher illi huwa *a first offender*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------